MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 837/2003

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-partijiet kontendenti naghqdu fiz-zwieg fl-14 ta’ Dicembru 1985, minn liema zwieg twieldu tlett (3) itfal u cioe’ il-minuri E ta’ 16-il sena, F ta’ 14-il sena u D ta’ 8 snin; u

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti ma ghadhiex aktar possibli minhabba htijiet imputabbli lill-konvenuta u senjatament minhabba adulterju, eccessi, mohqrija u ingurji gravi da parti tal-konvenuta fil-konfront

tal-attur, u in subsidium, ghax iz-zwieg tkisser irrevokabilment; u

Premess illi l-attur ottjena d-debita awtorizzazzjoni tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili b’ digriet numru 377/09 sabiex ikun jista’ jipprocedi b’ din l-istess istanza; u

Premess illi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghal xejn, u ghalhekk kellhom jigu ntavolati l-proceduri odjerni;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta, u tawtorizza lill-attur jghix separatament mill-konvenuta.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri msemmija f’ idejn l-attur.

3. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur ghall-minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi ffissata minn din l-istess Qorti.

4. Tapplika kontra l-konvenuta, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et sew tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f’ zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta’ divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur l-beni parafernali kollha tieghu u tordna illi l-attur jigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu.

8. Tawtorizza lill-attur illi jirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepixxiet: li, filwaqt li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, tattribwixxi t-tort lill-attur; li toggezzjona ghat-tieni, tielet, r-raba' u s-seba' talba, filwaqt li taqbel mal-kumplament;

Rat il-kontro-talba li biha l-konvenuta rikonvenzjonata talbet, inter alia, is-separazzjoni personali bi htija ta' l-attur "peress li l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi kommessi kontra l-konvenuta minn zewgha l-attur, u minhabba li l-hajja matrimonjali tfarrket irrimedjabbilment"; kopja ta' din il-kontro-talba qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A][1];

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-attur rikonvenzjonat, u li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti mill-istess [Appendici B][2];

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Noel Bartolo[3];

Rat ir-rapport[4] tal-espert tekniku l-Psikologa Carmen Sammut;

[1] Vol.1 - fols.22 sa 24
[2] Vol.1 - fols.26 - 27
[3] Vol.4 – fols. 908 et seq.
[4] Vol.2 – fols.459 et seq.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-lista tax-xhieda u l-affidavits, kif ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet;

Rat li fis-sena 2004 is-seduti peritali kienu gew sospizi ghal xi zmien peress li l-partijiet kienu qed jesploraw il-possibilita' li jittransigu;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-minuri D kameralment;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro-Talba**
Illi permezz tal-proceduri odjerni z-zewg partijiet qed jitolbu s-separazzjoni personali peress li l-hajja konjugali bejniethom m' ghadhiex aktar possibli u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16, attribwiti reciprokament; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-14 ta' Dicembru 1985, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett itfal, E, F u D, li llum huma maggjorenni, hlief D li ghandu sbatax-il sena.

Bejn is-snin 1998 u 1999 beda jinqala' l-inkwiet matrimonjali serju bejn il-partijiet, bir-rizultat li l-attur kien gie ordnat mill-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili jallontana ruhu mid-dar konjugali; u filwaqt li dan mar jghix fid-dar fejn toqghod ommu, il-konvenuta baqghet tghix fid-dar matrimonjali flimkien mat-tlett ulied tal-partijiet.

*Verzjoni Attur*
In sostanza l-attur jghid li l-inkwiet matrimonjali beda meta martu bdiet hbiberija ma' certu Nazzareno Bartolo. Hu jghid li din il-hbiberija kienet sors ta' tensjoni fiz-zwieg, izda jichad li qatt refa' idejh fuq martu, minkejja li, skond l-attur, kien hemm provokazzjoni qawwija da parti taghha.

Sussegwentement, wara li hu telaq mid-dar matrimonjali, martu qabdet hbiberija ohra ma' certu Joseph Cavallo, u skond l-attur, dan kien mar jghix maghha fid-dar konjugali, flimkien mat-tfal tal-partijiet.

L-attur, jichad li hu kien vjolenti ma' martu jew li kellu xi relazzjoni extra-matrimonjali, filwaqt li jattribiwixxi l-kawza tal-firda ghar-relazzjonijiet extra-matrimonjali da parti tal-konvenuta.

*Verzjoni Konvenuta*
In sostanza l-konvenuta tghid li, mill-bidu nett taz-zwieg, hija kienet vittma ta' vjolenza morali, konsistenti f' tghajjir, tmaqdir, u umiljazzjoni da parti ta' l-attur fil-konfront taghha. Tghid li l-attur kien goff u nsensittiv maghha, kien dominanti u pussessiv.

Tghid li l-vjolenza zdiedet fis-sena 1995 meta l-attur beda jerfa' jdejh fuqha.

Il-konvenuta, filwaqt li hi tichad li kellha relazzjoni ma' Nazzareno Bartolo u Joseph Cavallo, takkuza lill-attur li dana kellu relazzjoni extra-matrimonjali ma' Jennifer, Mary Rose u Tanya.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*
Il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi akkwiziti in propozitu, hija propensa li taqbel mal-konsiderazzjonijiet maghmula u mal-konkluzjonijiet raggjunti mill-abbli perit legali, u ghalhekk taddottahom, salv dak li ser jinghid aktar 'il quddiem.

Il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta car li l-inkwiet matrimonjali serju beda fis-sena 1998 meta l-attur beda jissuspetta li martu kienet f' relazzjoni extra-matrimonjali ma' Nazzareno Bartolo. Kien f' dan iz-zmien li bdiet il-vjolenza domestika, morali u fizika, da parti tal-attur fuq martu. Dan il-fatt jinsab korroborat mid-diversi rapporti lill-pulizija maghmula mill-konvenuta f' dak iz-zmien u li jkomplu ghal certu perijodu; u wkoll jsib konfort fix-xhieda tat-tifla taghhom E B li tghid *"Naqbel li l-glied bejn ommi u*

*missieri* *ngala*[5] *fiz-zmien meta missieri kien jakkuza lil ommi li kellha rgiel ohra.”*[6]

Illi l-Qorti hi tal-fehema li kien il-komportament abuziv, da parti ta’ l-attur fil-konfront ta’ martu, li rrenda mpossibbli l-konvivenza bejn il-partijiet. L-azzjonijiet tal-attur, konsistenti fi vjolenza, morali u fizika, ezercitati fuq bazi abitwali u ripetuta, anke quddiem it-tfal minuri, irrendew il-konvivenza nsapportabbli ghall-attrici, u ghalhekk jikkwalifikaw bhala ‘sevizzi’ fit-termini ta’ l-artikolu 40.

Minn naha l-ohra, il-Qorti tosserva li, anke l-konvenuta ghandha htija ghal din is-separazzjoni, meta bejn is-sena 1998/1999 circa, bhala mara mizzewga hija dahhlet fi hbiberija specjali ma’ Nazzareno Bartolo; hbiberija ngurjuza li pprecipitat is-s-separazzjoni. Inoltre, wara li l-attur gie ordnat allontana ruhu mid-dar matrimonjali, u wara li l-konvenuta ma baqghetx tiffrekwenta lin-Nazzareno Bartolo, hija dahlet fi hbiberija simili ohra ma’ Joseph Cavallo. Dan il-komportament tal-konvenuta jikkostitwixxi ngurja gravi fil-konfront ta’ zewgha l-attur, fit-termini ta’ l-artikolu 40 fuq citat, u kkontribwixxa b’ mod sostanzjali ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg taghhom.

Izda, in propozitu l-Qorti tosserva li, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-perit legali, ma ngabux provi sufficjenti biex isostnu l-konkluzjoni li r-relazzjoni taghha ma’ Joseph Cavallo kienet wahda adulteruza kif konkluz mill-perit legali. Irrizulta pero’ li dan ir-ragel kien jiffrekwenta lill-konvenuta, anke fid-dar matrimonjali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m’ghadhiex aktar possibbli tort taz-zewg partijiet, fi kwoti wgwali, fit-termini ta’ l-artikolu 40 kif fuq spjegat. Il-komportament taz-zewg partijiet ghandu, fil-fehema ta’ din il-Qorti jattira s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap.16; u ghal dan il-ghan il-

[5] Sottolinear tal-Qorti
[6] Vol.3 – fol.621 – Kontro-Ezami

Qorti qed tistabbilixxi il-31 ta' Dicembru 1999 bhala d-data tal-firda u tad-dekadenza konsegwenzjali.

**Kura u Kustodja**

Illi tenut kont ta' l-interess primarju tal-minuri, il-Qorti tordna li l-kura u kustodja tat-tifel D ghandha tigi fdata esklussivament f' idejn il-konvenuta ommu; filwaqt li l-access favur il-missier, tenut kont tax-xewqat tal-minuri u tar-rakkomandazzjonijiet tal-Psikologa Carmen Sammut, ghandu jibqa' sospiz sakemm it-tifel jhossu mentalment ippreparat jiltaqa' ma' missieru.

Huwa palesi li l-insistenza da parti tal-missier li jkollu kuntatt ma' ibnu li ghadu kemm ghalaq 17-il sena kontra l-volonta' ta' l-istess ibnu huwa kontro-produttiv, u jaghmel aktar hsara milli gid lir-relazzjoni ta' bejniethom.

**Manteniment**

Illi rigward t-talba ghall-manteniment ghall-konvenuta, il-Qorti tosserva li bil-komportament taghha hija ddekadiet mid-dritt li titlob minghand l-attur manteniment ghaliha. Inoltre hija valida l-pretensjoni ta' l-attur[7] li mill-kreditu parafernali tal-konvenuta jitnaqqsu s-somma ta' LM3,680 [illum €8,572 ] manteniment li hu hallas lill-konvenuta ghaliha minn April 2007.

Illi rigward il-manteniment ghat-tifel minuri, il-Qorti tikkondivi l-konkluzjoni tal-perit legali u tordna li l-attur jibqa' jhallas lill-attrici bhala manteniment ghat-tifel D is-somma ta' mija u hames ewro [€105] fil-gimgha bil-quddiem, oltre nofs l-ispejjez edukattivi u medici. Dan il-manteniment ghandu jinqatta' direttament mill-paga ta' l-attur.

Inoltre, l-attur hu ordnat ihallas lill-konvenuta s-somma ta' elf, tmien mija u hames ewro [€1,805] arretrati ta' spejjez medici u edukattivi ghat-tifel D sa Ottubru 2009; kif ukoll ghandu jhallas, <u>kontra d-debiti ricevuti</u>, <u>nofs</u> l-ispejjez

[7] Vide nota ta' sottomissjonijet Attur fols.934 *et seq.* fejn l-attur talab rifuzjoni tal-manteniment minn April 2007

medici u edukattivi li hallset il-konvenuta wara din id-data sad-data tas-sentenza odjerna.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**
Illi l-assi tal-komunjoni jikkonsisti fis-segwenti:
[1]Id-dar matrimonjali numru tnejn [2] Hope Street, Mosta, stmata €186,350;
[2]Il-garage numru tlettax [13] Triq Gognet, Mosta, stmat €23,293; €
[3]Vettura DBD 848;
[4]Life Insurance li timmatura fis-sena 2027;
[5]Kontijiet bankarji;

*Krediti parafernali tal-konvenuta*
[i]Is-somma parafernali ta’ tlettax-il elf, disa mija sitta u sebghin ewro [**€13,976]** li l-konvenuta kienet harget ghax-xiri tad-dar matrimonjali. Fil-fehema tal-Qorti, dan il-kreditu tal-konvenuta kontra l-komunjoni jissussisti.

[ii]Is-somma parafernali ta’ tlettax-il elf, hames mija u erbatax-il ewro [**€13,514]** rapprezentanti sehem-il konvenuta mir-rikavat tal-bejgh tad-dar ta’ ommha, u li l-konvenuta tghid li nefqithom ghal-beneficju tat-tfal peress li l-attur ma kienx jaghtiha manteniment bizzejjed.

In propozitu l-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li l-attur ma kienx ihallas sehemu mill-ispejjez kollha ta’ l-edukazzjoni u di fatti ghad fadallu jaghti lill-konvenuta ammont ta’ arretrati, u ghalhekk fuq bazi ta’ probabilita’, anke kunsidrat l-ammont tar-retta alimentarja li hallas l-attur ghall-ulied u l-fatt li l-konvenuta tghix bl-assistenza socjali, il-Qorti taccetta t-tezi ta’ l-konvenuta li din kien ikollha tirrikorri ghal dawn il-flus biex tkopri l-bzonnijiet ta’ ulied-il partijiet, li fi zmien tal-prezentata tac-citazzjoni[8] kienu t-tlieta minuri, b’ etajiet ta’ 16, 14 u 8 snin; *multo magis* meta it-tifel ghandu certu bzonnijiet specjali.

Inoltre, jigi osservat li t-tezi tal-konvenuta hija sostnuta legalment bid-dispost ta’ l-artikolu 1327[c] tal-Kap.16.

[8] Cit. prezentata fil-13 Awissu 2003

Ghalhekk il-Qorti qed taccetta din il-pretensjoni attrici, fis-sens li l-imsemmi ammont huwa kreditu favur taghha kontra l-komunjoni.

Illi rigward il-pretensjoni ta' LM5,000 [illum €11,647 ] maghmula mill-konvenuta bhala debiti tal-komunjoni favur taghha u ta' l-eredi ta' ommha, il-Qorti taqbel ma' u taddotta l-kontenut tal-paragrafu[h][9] tal-paragrafu 36 tar-relazzjoni peritali; u ghalhekk fil-fehema tal-Qorti din il-pretensjoni ma' treggix.

*Kreditu parafernali ta' l-attur*
Illi tenut kont li l-Qorti stabbiliet id-data tal-31 ta' Dicembru 1999 bhala dik tal-firda u tad-dekadenza, allura jsegwi li l-attur ghandu kreditu kontra l-komunjoni tal-pagamenti tal-loans kollha li huwa hallas fuq l-imsemmija fondi [mhux fuq il-vettura] proprjeta' tal-komunjoni. Dan l-ammont globali, li ghandu jirrizulta mill-istatements bankarji, ghandu jitnaqqas mir-rikavat tal-prezz tal-bejgh ta' l-istess fondi.

*Assenjazzjoni*
[A] Tordna li l-fondi 2 Hope Street, Mosta u 13 Triq Gognet, Mosta jinbighu fuq is-suq hieles fi zmien sena, ghall-prezz mhux inferjuri ghall-ammonti fuq indikati, u, fin-nuqqas, jinbighu that l-awtorita' tal-Qorti skond il-ligi; u r-rikavat, wara li jithallsu minnu d-djun gravanti l-komunjoni ta' l-akkwisti, jigi diviz fi kwoti wgwali bejn il-partijiet.

Illi l-konvenuta, filwaqt li qed tinghata d-dritt li tkompli tabita fil-fond 2 Hope Street, Mosta, ad eskluzjoni ta' l-attur ghal zmien sena, qed tigi ordnata, permezz tal-gudizzju odjern, sabiex gheluq dan iz-zmien hija tallontana ruhha minn dan il-fond;

[B]Kwalunkwe rikavat mill-Life Insurance li talvolta jispetta lill-partijiet, ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

---

[9] Vol.4 – fol.926

[C]Il-vettura DBD-848 ghandha tigi assenjata lill-attur, li minn naha tieghu ghandu jhallas lill-attrici in linea ta' ekwiparazzjoni s-somma stabbilita' *arbitrio boni viri* ta' elfejn u tlett mitt ewro [€2,300], tenut kont tal-fatt li l-pagamenti tal-loans fuqha gew imhallsa minnu u li din il-vettura qieghda fil-pussess tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija taz-zewg partijiet, b' effett mill-31 Dicembru 1999;
[2] tichad it-tieni talba;
[3]tichad it-tielet talba;
[4] tilqa' ir-raba' talba, u tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispost fl-intier tieghu ta' l-artikolu 48 Kap.16;
[5] tilqa' il-hames talba, u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti, b' effett mill-imsemmija data, u tillikwidaha u tassenja kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';
[6] tichad is-stitt talba, stante li hija superfluwa;
[7] tichad is-sebta' talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;
[8] tilqa' t-tmien talba

Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba, fis-sens gja' fuq deciz;
[2] tilqa' t-tieni talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';
[3] tilqa' t-tielet talba limitatament u fis-sens fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment', filwaqt li tichadaha ghall-kumplament;
[4] tilqa' ir-raba' talba fis-sens gja fuq deciz;
[5] tilqa' il-hames talba fis-sens gja fuq deciz;
[6] tilqa' is-sitt talba limitatament ghal perijodu ta' sena; u li gheluq din is-sens il-konvenuta qed tigi ordnata tivvaka l-fond numru tnejn [2] Hope Street, Mosta;
[7] tichad is-seba' talba, stante li dawn l-oggetti diga' jinsabu fil-pussess tal-konvenuta;

L-ispejjez kemm ta' l-azzjoni u tal-kontro-talba ghandhom jibqghu bla taxxa; hlief dawk relattivi ghar-rapport tal-perit

legali, u dak tal-psikologa, li ghandhom jigu sopportati wgwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------